**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 10 ta' Mejju 2022**

**Rikors Guramentat Nru : 194/2022 AGV**

**JA**

**vs**

**SB**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors ta' JA datat 7 ta' April 2022 ;**

**Jesponi bir-rispett ILLI:**

1. Il- partijiet iżżewġu fil-ħamsa [5] ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa [05.09.2009], kif jirrizulta mic-Ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat **Dok 'A'**, u minn dan iż-żwieġ huma kellhom tifel, ossia GA;

2. Il-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ippublikat minn Nutar Dr. Maria Roberta Galea Mamo mill-erbgħa u għoxrin [24] ta' Marzu elfejn u wieħed u għoxrin [2021], li kopja tiegħu jinsab hawn anness u mmarkat **Dok 'B'**;

3. Ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom għal din l-aħħar sena mifrudin legalment, huwa isseparaw de facto fis-sena elfejn u dsatax [2019] u illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

4. Anqas ma hemm pendenzi ta' manteniment, u l-att ta' separazzjoni qiegħed jiġi osservat fl-intier tiegħu;

5. Dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joġgħobha:-

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ eżistenti bejn il-partijiet *ai termini* tal-artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti ;

Rat n-nota ta' Sandra Borg datata 2 ta' Mejju 2022 li permezz taghha in segwitu ghal notifika lilha tar-rikors tar-rikorrenti, tiddikjara li ma toppnix ghal tali divorzju, stante li ma hemmx possibilta ta' rikonciljazzjoni u li l-ispejjez u l-manteniment huma kollha mhallsin.

L-esponenti topponi ghal spejjez tal-procedura tad-divozrju li ghandhom jigu mhallsa mir-rikorrenti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**